MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 475/2003

**Orazio Azzopardi**

**vs**

**Josef Camilleri**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut naqas milli jikkonsenja f'idejn l-attur is-serra li dwarha l-istess attur kien ftiehem mieghu biex jiiprovdilu u li ghaliha thallas minghandu l-ammont ta' elfejn u sitta u erbghin lira Maltin (Lm2,046) akkont tal-valur totali taghha, irodd lura lill-attur l-ammont ta' Lm2,046 li gie mhallas lilu.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 31 ta' Mejju, 2001 u tac-cedola ta' depozitu li giet pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh, kif ukoll bl-

imgahx legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data ta' l-effettiv pagament, u bir-riserva espressa ta' kull azzjoni ghar-risarciment tad-danni kagonati lill-attur, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-18 ta' Ottubru, 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------